## GHAL MIN?

~~*Għal min ix-xemx titgħarwen*~~
~~*Fil-kħula tas-smewwiet?*~~
~~*Għal min il-gawwi jwerżaq*~~
~~*Qalb blat u rdumijiet?*~~

~~*Għal min is-sħana tinżel*~~
~~*Fil-qiegħa ta' mitt ġnien,*~~
~~*Xħin ġuf il-art jitriegħed*~~
~~*Bil-għanja tal-ħelsien?*~~

~~*Ah! rûħ ta' bniedem mifni,*~~
~~*Għal dawk li jħobbu d-dieq,*~~
~~*Għal dawk li f'wiċċhom jidher*~~
~~*L-uġigħ kollu tal-ħliq!*~~

~~J. Azzopardi~~

## ŻGĦOŻITI

*Din żgħożiti mhi xejn ħlief waħx u frugħa,*
*Mixgħula 'l hawn u 'l hinn b'xi merżuq dawl*
*Xita nhar u sajjetti mlewha kruha,*
*U minn laħamha mħassar kiel iċ-ċawl.*

*Issa bdiet riesqa lejja l-irġulija,*
*U wasal dak iż-żmien biex nara x'hemm,*
*F'dal-ġnien maqlugħ mill-qiegħ, ġo dil-ħamrija,*
*Li tatni fjuri ħomor kollha semm.*

*Iżd'għalxejn, ħadd ma jara dax-xogħol tiegħi,*
*Waħdi għaddej fil-kruha tal-ħolqien,*
*Ġismi mifluġ, bla ħadd imgħannaq miegħi,*
*Waqt li taħt sieqi hemm miftuħ dagħbien.*

*Ja Wġigħ! Ja Wġigħ! Fnejt qalbi w xrobtli demmi,*
*U f'ġismek bdiltu f'semm biex tkattar hemmi.*

J. Azzopardi.